# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111


## MINUTI

## Laqgħa URĠENTI tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa URĠENTI Numru 38

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 24 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

38.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2021

38.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport finanzjarju għas-sena 2021. L-*accountant* is-Sur Kevin Incorvaja kien preżenti biex jispjega dan ir-rapport u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera.

38.2.2 L-*accountant* spjega l-importanza ta’ dan ir-rapport billi tkellem fid-dettall fuq id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2021. Huwa tkellm ukoll fuq il-profit li għamel il-kunsill. Huwa qal li dan ir-rapport fih jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sistema ta’ *accounts* li għandu l-kunsill u dan ir-rapport ġie propju ppreparat għall-*audit* li ser issir dalwaqt bħala rendikont tas-sena 2021.

38.2.3 L-accountant kompla jitkellem billi ta spjegazzjoni ta’ xi capital committments żgħar li tniżżlu f’dan ir-rapport u tkellem ukoll dwar il-contingent liabilities. Wara li l-accountant lesta mill-ispjegazzjoni, mistoqsijiet ma kienx hemm.

38.2.4 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2021 ġie approvat unanimament mill-kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia.

## 38.3 Tmiem tal-laqgħa

38.3.1 Il-laqgħa ntemmet fi 17:42pm.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv